**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 26.10.08**: IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.
**IT-TLIETA, 28.10.08:** Festa ta' l-Appostli San Xmun u San Ġuda.
**Fis-7.30p.m.** issr il-laqgħa tal-**Lectio Divina** (il-grupp tal-kelma ta' Alla), Tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 29.10.08: Fis-6.30p.m.** Issir ir-Reċita tar-Rużarju fiż-Żona ta' Cocco Palmeri. Tkun fil-Pjazza ta' ħdejn il-monument.
Inħeġġu lil-familji taz-zona biex jieħdu sehem magħna f'din it-talba.
**IS-SIBT, 1.11.08: SOLENNITA' TAL-QADDISIN KOLLHA.**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
Il-quddiesa ikun bħal nhar ta' xogħol pero' jkun hawn quddiesa oħra fil-10.30a.m.
**IL-ĦADD, 2.11.08**: **TIFKIRA SOLENNI TAL-MEJTIN KOLLHA.**
Fil-għodu l-quddies ikun bħas-soltu ta' nhar ta' Ħadd.
Fil-għaxija **fit-3.30p.m**. nitilqu pellegrinaġġ lejn iċ-Ċimiterju. X'hin naslu jkun hemm Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-fidili mejtin kollha, u wara jsir it-tberik ta' l-oqbra.
Min jieħu sehem jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.

## ĦIN TAX-XITWA
Illum il-Ħadd 26 ta' Ottubru jibda il-Ħin tax-Xitwa. Il-Ħin tal-quddies jibqa' kollu kif inhu barra ta' nhar ta' xogħol filgħaxija li tkun fis-6.00p.m.

## BAZAAR TAX-XTIELI
Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 31 ta' Ottubru, l-1 u t-2 ta' Novembru se jkun hemm Bazaar fid-Dar Parrokkjali li se jkun organizzat mill-Kumitat ta' l-Armar.

## HIN ĠDID TAL-MUSEUM
Minn nhar it-Tnejn il-ħin tal-Museum se jkun hekk:
Fil-5.00p.m. minn Year 4 sa Form 1.
Fis-7.00p.m. minn Form 2 'l fuq.

## QUDDIES FIĊ-ĊIMITERJU
Matul ix-xahar ta' Novembru jkun hemm kuljum quddiesa f'nofs inhar.

## INDULĠENZI
Min jinvista ċ-Ċimiterju bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.

## IĊ-ĊIMITERJU
Iċ-Ċimiterju huwa post qaddis, u għalhekk nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd biex nirispettaw il-qdusija tal-post bit-talb, bis-silenzju, bl-imġieba tagħna u anke bl-ilbies.
Kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu biex tinżamm l-indafa ta' dan il-post.

## ĠABRA GĦALL-MISSJONI.
Il-Ġbir li sar għal-Missjoni fl-okkażjoni tal-Gurnata Missjunarja kien hekk: Mit-Toroq: 2703 Ewro u minn ġol-Knisja 495 Ewro. Total: 3198 Ewro.

## LAQGĦAT TAL-FORMS 2 u 3 BNIET
Il-laqgħa tal-Forms 2 u 3 Bniet se jibdew ikunu nhar ta' Erbgħa, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija. Il-Post ikun fid-Dar Parrokkjali.